MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 513/2002/1

**Atlas Insurance Agency Ltd. fil-kwalita` taghha ta' agent tas-socjeta` estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Lifts Services Ltd. abbazi tal-polza ta' l-assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**Enemalta Corporation u Far-Cut Excavators Limited u b' digriet tal-21 ta' Ottubru, 2002 gew kancellati l-kliem "Far-Cut Excavators" u sostitwiti bil-kelma "Farcat", u b' digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju 2006, il-kelma "Farcat" qed tigi sostitwita bil-kliem "Far-Cut Excavators Limited".**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Awissu, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,498.80), rapprezentanti d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici, u dana meta lejn l-ahhar ta’ Awissu, 2001 kwantita’ kbira ta’ ilma dahal fl-ufficini tal-assigurati tas-socjeta’ attrici Lifts Services Limited illi jinsabu Msida Valley Road, Birkirkara, liema ilma dahal fil-proprjeta’ msemmija bhala rizultat tat-traskuragni, imperizja u negligenza da parti tal-konvenuti, jew min minnhom u dana stante illi waqt illi l-konvenuti kienu qeghdin ihejju xi xogholijiet fi triq li tigi fuq wara ta’ l-ufficini imsemmija huma naqsu milli jghalqu xi fetha illi kienu ghamlu fl-istess triq bil-konsegwenza illi dina l-fetha intliet bl-ilma tax-xita, u dan spicca biex ippenetra ghal go l-ufficini tas-socjeta’ assigurata mas–socjeta’ attrici, illi s-socjeta’ attrici hallset is-somma fuq indikata lill-assigurata taghha ai termini tal-polz ta’ assigurazzjoni u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet taghha.

Bl-imghax mid-data tal-pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra leglai tat-28 ta’ Dicembru, 2001, kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Farcat Limited fejn eccepiet:

1. Illi in linea preliminari, l-isem korrett tas-socjeta’ eccipjenti huwa Farcat Limited mhux Far-Cut Excavators Limited. Ghalhekk is-socjeta’ attrici noe ghandha titlob il-korrezzjoni opportuna.
2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talba attrici ghandha tkun respinta stante li s-socjeta’ eccipjenti ma kinitx responsabbli ghad-danni li s-socjeta’ assikurata tas-socjeta’ attrici noe talelga li garrbet.
3. Bla pregudizzju ghall-premess, il-quantum tad-danni reklamat mis-socjeta’ attrici noe huwa kontestat in kwantu jinkombi lill-istess socjeta’ attrici l-oneru tal-prova li s-

socjeta' asskurata agixxiet bhala 'bonus paterfamilias' u b'ebda mod ma esponiet lilha nnifisha ghad-danni li allegatament garrbet.
4. Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas ta' l-imghax kif dedotta ghandha tkun michuda stante li jekk imghax se jkun dovut dan ghandu jiddekorri mid-data tan-notifikat ta' l-avviz.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Enemalta Corporation fejn eccepiet:

Illi l-azzjoni attrici hija assolutament u kompletament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante hi l-eccipjenti bl-ebda mod ma kkawzat xi danni lill-attur, u ghalhekk lanqas ma tista' tinsab responsabbli ghall-istess u wisq anqas thallas is-somma rikjesta.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici hu ferm esagerat ghad-dannu allegatament soffert minnha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' danni fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,498.80) wara maltempata qalila ta' xita illi grat fl-24 ta' Awissu, 2001 li affettwat negattivament il-fondi tas-socjeta' Lifts Services, l-assigurata tas-socjeta' attrici, meta l-ilma tax-xita dahal f'dawn l-ambjenti mit-triq ta' wara waqt xoghol ta' skavar li kien qed isir mis-socjeta' Farcat Limited ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta.

Irrizulta mill-provi li l-Korporazzjoni Enemalta, fuq talba tas-socjeta' Vodafone riedet tibni *sub-station* fi Triq iz-Zernieq, li hija parallela ma' Valley Road, Birkirkara, pero' tliet sulari jew erbgha aktar 'il fuq. L-appalt kien jikkonsisti fi qtugh ta' trinka sabiex il-Korporazzjoni Enemalta tkun tista' tghaddi *high tension cable* ghas-*sub-station*.

Wara li s-socjeta' konvenuta Farcat ottjeniet il-permessi kollha, bdiet thaffer it-trinka permezz ta' *trencher* fid-19 ta' Gunju, 2001 (fol. 85B). Ix-xoghol mexa b'mod regolari, sakemm wasal fl-inhawi vicin il-post fejn kellu jinbena s-*sub-station*.

Peress illi l-livell tat-triq kien differenti, parti fejn kien hemm gandott imtela' bil-planki, biex it-triq setghet tibqa' ghaddejja fuq dawn l-istess planki minghajr ma jsir hafna xoghol ta' radam fil-hofor illi kien hemm taht. Dawn il-planki kienu qeghdin jistriehu, parti fuq il-blat u parti fuq il-bini tas-socjeta' Vodafone.

Hadd ma avza lis-socjeta' Farcat b'dawn il-planki. Ghalhekk, meta t-*trencher* wasal vicin taghhom, beda jidher hafna trab u ghabra fl-ufficini tal-Vodafone u l-haddiema telghu javzaw lill-kuntrattur biex jieqaf mix-xoghol minhabba l-hsara li kienet qeda ssir. Sa dan it-tant pero', lehqu nqatghu tliet jew erba' planki.

Skond Joseph Muscat, direttur tas-socjeta' Farcat (fol. 47), hekk kif induna b'dak illi kien qed jigri, ta ordni biex jiqaf it-thaffir, nehhew il-makkinarju minn nofs u komplew b'xoghol iehor aktar 'il fuq. Muscat huwa kategoriku meta jghid illi huwa ma kienx jaf bl-ezistenza tal-hofra. Wara dan Muscat jghid illi l-hofra damet zmien twil miftuha u ma kinitx responsabbilita' taghhom biex jaraw illi din timtelgha. A fol. 58 jghid testwalment, "Ir-responsabbilita' taghna kienet limitata biex naghmlu trinka, nghaddu l-*cable*, liema xoghol ghamilnih u hekk kif ghamilnih ghattejn t-trinka."

Minkejja l-kwantita' ta' ritratti li gew esebiti f'dawn l-atti, ma ttihdux ritratti dak il-hin li s-socjeta' Farcat indunat bl-ezistenza tal-planki. Ghalhekk, il-Qorti m'ghandhiex ritratt

tas-sitwazzjoni kif kienet hekk kif it-*trencher* beda' jhaffer fil-planki.

Brian Calleja, ghan-nom tas-socjeta' Vodafone, qal illi huwa kien ikkuntjatta lill-Korporazzjoni Enemalta u avzahom bl-ezistenza tal-hofra. Jghid (fol. 75): "Illi l-perit taghna Martin Farrugia kien avza lill-Enemalta illi t-trinka ma tasalx ezatt wara l-bini taghna peress illi hemm hofra." Jidher illi dan l-avviz ma giex milqugh bis-serjeta', peress illi l-Korporazzjoni Enemalta ma avzatx lis-socjeta' Farcat bl-ezistenza tal-hofra.

Calleja kompla jghid illi l-magna qatghet tliet planki u waslet sar-raba' wahda qabel ma waqfet. Jghid ukoll illi kiteb diversi drabi lill-Korporazzjoni Enemalta biex ikomplu bix-xogholijiet rimedjali halli jsewwu l-hsarat huma u ma ssirx aktar hsara. Lahqu ghaddew xahrejn shah mill-incident sa' dakinhar illi ghamlet hafna xita fl-24 ta' Awizzu, 2001.

Joseph Anastasi, minn naha tal-Korporazzjoni Enemalta ukoll innega kull responsabbilita' ghal dak illi gara. Tant hu hekk (fol 85C) jghid illi wara li kien cempillu Joseph Muscat tal-Farcat, "Jiena ghidtlu li l-Enemalta ma kinitx responsabbli ghal dan it-tip ta' ncident. Ahna tajna l-kuntratt lil Farcat." Jghid ukoll illi wara li huwa sar jaf bl-incident tax-xita sena u nofs wara, dak il-hin hadd ma nfurmah.

Il-Qorti tirrileva pero', li l-Korporazzjoni Enemalta kienet taf immedjetament illi kienu saru hsarat waqt ix-xoghol ta' thaffir. Tant hu hekk illi l-perit Martin Farrugia, ghan-nom tas-socjeta' Vodafone, fl-4 ta' Lulju, 2001 kiteb lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex javzha b'dak illi kien qieghed jigri, fejn infurmaha li gew maqtughha erba' jew hames planki b'konsegwenzi serji kemm ghall-utenti tat-triq kif ukoll ghall-fondi illi kien hemm taht il-livell tat-triq u cioe' l-istabbiliment tal-Vodafone u ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, Lifts Services Limited.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti f'din il-vigenda ssib ezempju klassiku ta' negligenza grassa taz-zewg partijiet involuti f'dan il-kaz u cioe' il-Korporazzjoni Enemalta u s-socjeta' Farcat.

Ir-responsabbilita' tal-Korporazzjoni Enemalta gejja mill-fatt illi hija kienet taf jew giet avzata minn qabel bl-ezistenza tal-planki u tal-hofra wara l-bini tal-Vodafone u ma avzatx lis-socjeta' Farcat bl-ezistenza ta' dan l-intopp.

Is-socjeta' Farcat hija responsabbli peress illi l-operatur tat-*trencher* imissu waqaf mall-ewwel hekk kif qabghad l-ewwel planka u mhux jibqa' ghaddej sat-tielet u r-raba' wahda sakemm waqaf. Barra minn hekk ir-responsabbilita' tat-tnejn ukoll tirrizulta mill-fatt illi hallew il-hofra mikxufa ghal xahrejn shah sakemm qadu jargumentaw bejnithom min kellu jkun responsabbli.

Sa dan it-tant fl-24 ta' Awissu, 2001 ghamlet ammont ta' xita straordinarja b'tali mod illi gew allagati l-ufficini tas-socjeta' Lifts Services. Din l-ahhar socjeta' ghamlet talba mas-socjeta attrici Atlas Insurance sabiex tigi risercita' ghad-danni illi soffriet. Wara li t-talba giet ipprocessata sar il-pagament tad-danni fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,498.80) [ara *discharge form* a fol. 18 u *survey report* a fol. 24].

Il-partijiet mhumiex qeghdin jiddiskutu l-quantum ta' dawn id-danni, pero' qeghdin jitfghu r-responsabbilita' fuq xulxin minghajr ma jirrealizzaw illi fil-fatt it-tnejn huma responsabbli, wiehed ghax m'avzax lill-kuntrattur bl-ezistenza tal-holfra u l-kuntrattur talli ma waqafx mall-ewwel hekk kif irrizulta illi kien hemm il-planki. Wara dan il-Qorti ssib lit-tnejn responsabbli talli hallew xahrejn jghaddu minghajr ma hadu l-mizuri rimedjali biex isolvu l-kwistjoni, liema terminu affettwa negattivament lis-socjeta' Lifts Services wara x-xita qawwija illi nizlet f'Awissu ta' dik is-sena.

Ghalhekk, il-Qorti ssib liz-zewg socjetajiet konvenuti responsabbli fi grad ugwali bejnithom u t-talba mitluba fl-

Avviz ghanda tigi ripartita kwantu ghall-nofs ghall-Korporazzjoni Enemalta u nofs ghas-socjeta’ Farcat.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ugwalment fi kwoti ndaqs ghad-danni sofferti mill-atturi u dana minhabba traskuragni da parti ta’ l-istess konvenuti u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tmienja u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,498.80) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu dan l-ammont kif likwidat kwantu ghall-nofs kull wiehed.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza illi ghandhom jithallsu nofs mill-Korporazzjoni Enemalta u nofs mis-socjeta’ Farcat.”

Minn din is-sentenza appellat l-Korporazzjoni konvenuta. Bazikament, l-obbjezzjoni centrali taghha tikkonsisti fl-argoment illi gjaladarba hi ma kienetx responsabbli mill-ezekuzzjoni materjali tax-xoghlijiet ta’ skavar, u gjaldarba l-incident li sehh kien dovut ghan-negligenza grossa tas-socjeta` konvenuta li ma hadetx hsieb taghlaq il-hofra, *ergo*, hi ma kellhiex tigi ritenuta ko-responsabbli flimkien ma’ din is-socjeta` ghad-danni arrekati lill-assigurat tas-socjeta` assiguratrici attrici;

Il-fatti li fuqhom huma arginati l-premessi tas-socjeta` attrici huma sew riprodotti fis-sentenza appellata. Koncizament, gie pruvat illi fl-24 ta’ Awissu 2001 is-socjeta` assigurata Lifts Services Limited issubiet danni minn perkolazzjoni ta’ ilma fil-fond taghha minn hofra fonda li thalliet mikxufa fil-kors ta’ xoghlijiet ta’ *trenching* retroposti ghall-fond taghha. Dawn il-fatti u dawn id-danni ma jidherx li huma kkontestati. Huwa kkontestat, invece, l-addebitu ta’ htija li, skond il-Korporazzjoni appellanti, kellha tigi addossata interament fuq is-socjeta` konvenuta appaltata minnha bix-xoghlijiet ta’ skavar;

Dan premess, jidher li huwa pacifiku illi l-kwestjoni tar-responsabilita` timplika diversi rapporti. Hemm dik li titnissel minn kuntratt, dik diretta mill-attijiet jew ommissjonijiet tal-partijiet involuti u r-responsabilita` ndiretta li titnissel mill-attijiet tas-sottokuntratturi ta' dawn jew ta' l-impjegati taghhom;

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-Korporazzjoni appellanti kienet permezz ta' kuntratt esebit a fol. 103 ikkummissjonat lis-socjeta` konvenuta b' appalt "*for the excavation and backfilling of trenches and joint bays, laying and concreting of ducts, laying of cable and earthmats and boring of holes for earth rods and stay rods*". Minn ezami ta' dan il-kuntratt, kif jidher li hu konswet f' appalti ta' opri pubblici, l-awtonomija tal-kuntratur hi ristretta mill-fatti ta' l-ingeranza fix-xoghlijiet mill-inginier jew rapprezentant tal-Korporazzjoni kommittenti. Dan jidher minn riflessjoni generali tal-kuntratt u in partikolari mill-klawsoli 11, 21 u 22 tieghu, anke jekk mhux esklussivament dawn biss;

F' appalt ta' din ix-xorta jircievu certament applikazzjoni l-principji generali tar-responsabilita` ta' l-appaltatur fejn, *di regola*, iqisu lil dan responsabbli ghad-danni kagjonati lil terzi fl-ezekuzzjoni tal-progett. Mhux eskluz, pero`, li flimkien ma' din ir-responsabilita` tigi aggunta dik tal-kommittent, fejn jirrizulta illi l-fatt dannuz ikun kawza ta' direttivi zbaljati mpartiti jew tal-mankanza ta' taghrif sufficjenti ghall-ezekuzzjoni korretta tax-xoghlijiet kommissjonati jew tan-nuqqas ta' sorveljanza kostanti u adegwata fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. Kif inhu risaput, jekwivali ghall-att anke l-ommissjoni, sija in bazi ghall-kuntratt jew ghal-ligi jew ghas-sitwazzjoni specifika li tesigi attivita` determinata ghat-tutela tad-drittijiet ta' haddiehor. Anke din hi fonti ta' responsabilita` akwiljana u tati lok ghar-rizarciment tad-danni. Inghad minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha in re "**Martin Bonello Cole -vs- Kummisarju tal-Pulizija *et***", (Prim'

Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 2003) illi "l-istess awtorita` jew enti pubbblika ghandha wkoll id-dover li thares, b' indukrar sufficjenti illi fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet (stradali f' dak il-kaz) il-kuntratturi nkarigati jkunu qeghdin huma wkoll jiehdu l-mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi. Jekk l-awtorita` jew enti pubbblika tonqos f' dan tista', u ghandha, issib ruhha rinfaccjata minn domanda ghar-rizarciment tad-danni, kif hekk inhu proprju l-kaz in ispecje";

Fil-korp ta' l-appell taghha l-Korporazzjoni appellanti ggib 'il quddiem b' soljev ghat-tezi taghha l-proposizzjoni illi l-mansjoni operativa taghha fil-vicenda ta' l-appalt kienet dik li l-inginjiera taghha jqabbdu it-trufijiet tal-*cable* imqiehged u jqeghduhom mal-grid elettriku ghal fini ta' l-eventwali *commissioning* li sehh fit-12 ta' Lulju 2001. Ghaliha dan kien il-kompitu taghha u xejn izjed minn dan. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghal kuntrarju ghamlet indagini aktar penetranti minn din is-semplici proposizzjoni. Indagini din estiza ghall-valutazzjoni tal-kolpa. Hi sabet, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, illi, meta kienet hekk informata bihom, naqset li tikkomunika lill-kuntrattur bl-ezistenza tal-planki u tal-hofra wara l-bini tal-Vodafone. Apparti dan, kif taraha din il-Qorti, il-kolpa omissiva tal-Korporazzjoni appellanti tidderivi wkoll minn nuqqas ta' azzjoni da parti taghha li kellha, jekk xejn, l-obbligu guridiku li tattiva ruhha biex tassikura l-gheluq tal-hofra. Ara f' dan il-kuntest ix-xhieda ta' Brian Calleja ghas-socjeta` Vodafone (fol. 75 *et sequitur*);

F' kazijiet ta' din ix-xorta l-kondotta tigi mizurata u valutata b' riferiment *ex ante* l-event dannuz. F' dan il-kaz il-gudizzju maghmul mill-ewwel Qorti ta' din l-istess kondotta gie sew indirizzat. Dan fis-sens illi d-dannu avverat kien konsegwenza ta' diversi azzjonijiet jew ommissjonijiet tas-soggetti responsabbli li konkorrentement ipproducewh. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti titbieghed mir-ragonament maghmul jew li twarrab il-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-Korporazzjoni konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------